# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 20 t' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 11/2016 PM1**

**Argus Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

**Etienne Cassar u b'digriet tat-3 ta' Mejju, 2016 gie kjamat fil-kawza David Sajan**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Jannar, 2016 illi permezz tieghu is-socjeta' rikorrenti talbet illi, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, l-intimat jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' elfejn, sebgha u tletin euro u centezmu (€2037.01) bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-3 t'Awwissu 2015 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subissjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Etienne Cassar datata 15 ta' Marzu, 2016 permezz ta' liema l-intimat eccepixxa illi huwa kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni valida, illi s-socjeta' attrici jehtigilha li tipprova li kellha d-dritt taccetta r-responsabilita' u thallas lit-terz minghajr il-kunsens tal-istess intimat, illi l-intimat ma jahtix ghall-incident, illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qwd jigu kkontestati, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-affidavit ta' Jonathan Schembri bid-dokumenti annessi mressaq mis-socjeta' attrici (a fol. 10 et. seq. tal-process).

Ra illi b'rikors datat 22 ta' Marzu, 2016 is-socjeta' attrici talbet il-kjamat fil-kawza ta' Daniel Sajan liema talba giet milqugha skont kif verbalizzat fit-3 ta' Mejju, 2016.

Sema' x-xhieda ta' Mark Bonnici prodott mis-socjeta' attrici (fol. 50 tal-process).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Daniel Sajan li permezz taghha eccepixxa li t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dana ghaliex, fl-ewwel lok, it-talbiet rikorrenti huma preskritti fil-konfront tal-esponenti ai termini tal-art. 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u, fit-tieni lok u bla hsara ghas-suespost, l-esponenti la ghandu u lanqas qatt ma kellu xi forma ta' relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u allura l-premessi u t-talbiet kif dedotti u korretti ma jistghu qatt jintlaqghu fil-konfront tieghu, dan apparti l-fatt ill ital-anqas fil-konfront tieghu it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt b'rizerva ghal kull jedd spettanti lill-istess kjamat fil-kawza skont il-ligi.

Sema' x-xhieda tal-PL Nicholette Aquilina u ra n-nota tas-socjeta' attrici a fol. 56 tal-process.

Sema' s-sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda dritt ta' rivalsa ezercitat mis-socjeta' attrici fil-konfornt tal-konvenut in kwantu assigurat taghha u eventwalment dirett ukoll fil-konfront tal-kjamat fil-kawza bhala sewwieq tal-istess vettura assigurata mas-socjeta' attrici.

Illi din hija decizjoni <u>dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u> imqajma mill-kjamat in kawza skont ir-risposta tieghu.

Illi a sostenn tal-eccezzjoni tieghu il-kjamat fil-kawza jirreferi ghall-art. 2153 tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi li l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.

Illi min-naha taghha s-socjeta' attrici tissottometti illi, in vista tal-fatt li r-relazzjoni guridika bejn il-kjamat fil-kawza u s-socjeta' attrici hija wahda kuntrattwali naxxenti mill-polza tal-assikurazzjoni, l-artikolu surreferit m'huwiex dak applikabbli bejn l-istess socjeta' attrici u l-istess kjamat fil-kawza u kwindi t-terminu preskrittiv applikabbli huwa dak kwinkwennali.

Illi mix-xhieda moghtija minn Jonathan Schembri permezz tal-affidavit tieghu (fol. 10 tal-process) u d-dokumenti annessi mal-istess senjatament il-polza tal-assikurazzjoni bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut (fol. 17 tal-process) jirrizulta car li r-relazzjoni guridika <u>kuntrattwali</u> hija dik bejn l-istess socjeta' attrici u l-konvenut in kwantu assigurat ('policyholder') tal-istess. Ma jirrizultax li l-kjamat fil-kawza qatt issottoskriva ruhu personalment ghal xi relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta' attrici imma jirrizulta, anke skont l-affidavit ta' Jonathan Schembri, li kien Etienne Cassar li hareg il-polza tal-assikurazzjoni mertu tal-kawza.

Illi josserva a propozitu l-Vivante ("Trattato di Diritto Commerciale", Vol. II para. 1972), " (…)*D' altra parte il terzo, colpevole del sinistro, <u>non deve approfittarsi del contratto di assicurazione, cui é rimasto estraneo e pel quale non ha pagato alcun premio</u>* (…)" (enfazi mizjuda)

Illi ghaldaqstant huwa car li l-art. 2153 tal-Kap. 16 huwa l-artikolu li jirregola l-preskrizzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe dritt ta' rivalsa li ghandha jew jista' jkollha s-socjeta' attrici, in kwantu assikuratrici, fir-rigward ta' terzi mhux firmatarji tal-polza tal-assikurazzjoni. Kjarament dan jghodd anke fir-rigward tas-sewwieqa tal-vetturi koperti b'polza favur terzi mahruga minnha u li ma jkunux ukoll assigurati fis-sens strett ta' 'policyholder'.

Illi jirrizulta inkontestat bejn il-partijiet li l-hsara lamentata mis-socjeta' attrici giet sofferta minnha in vista ta' pagament affetwat wara kont datat 11 t'Ottubru, 2012 (ezebit a fol. 37 tal-process). Il-kawza odjerna giet intavolata fit-8 ta' Jannar, 2016.

Illi permezz ta' nota datata 2 ta' Gunju, 2016 (fol. 56 tal-process) is-socjeta attrici kkonfermat illi mir-ricerka mwettqa minnha ma gie prezentat l-ebda att gudizzjarju fil-konfront tal-kjamat fil-kawza qabel in-notifika lilu bl-avviz odjern.

Illi jirrizulta wkoll ampjament car kemm mill-affidavit ta' Jonathan Schembri u kif ukoll mir-rapport tal-incident li s-socjeta' attrici kienet a konoxxenza tal-identita' tal-kjamat in kawza bhala sewwieq tal-vettura assikurata minnha imma, minkejja dan, naqset milli tipprocedi wkoll fil-konfront tieghu gudizzjarjament entro t-terminu preskritt mill-art. 2153 tal-Kodici Civili.

Illi ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kjamat fil-kawza Daniel Sajan timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal ghar-ragunijiet premessi jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni imressqa mill-kjamat fil-kawza u konsegwentement jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-konvenut. L-ispejjez tal-kjamat fil-kawza jigu sofferti mis-socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**